

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "SmartTV Station" għal prodotti fil-klassi 9 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 595 577

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2013 — Gako Konietzko vs UASI (Forma ta' pakkett)

(Kawża T-654/13)

(2014/C 39/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Gako Konietzko GmbH (Bamberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Reinhardt, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-19 ta' Settembru 2013 fil-Każ R 2232/2012-1;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż sostnuti matul il-proċedimenti tal-appell.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark figurattiva tridimensjonali, li tirrappreżenta l-forma ta' pakkett, għal prodotti fil-klassijiet 3, 5 u 10 — Applikazzjoni għal trade mark Nru 10 899 037

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2013 — Enercon vs UASI (Sfumaturi tal-kulur aħdar)

(Kawża T-655/13)

(2014/C 39/47)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Enercon GmbH (Aurich, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Böhm, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-11 ta' Settembru 2013 fil-Każ R 0247/2013-1;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark figurattiva, li tirrappreżenta sfumaturi tal-kulur aħdar, għal prodotti fil-klassijiet 7, 16 u 28 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Nru 1 1055 811

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009